IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 25.5.2005
COM (2005)218 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**Abbozz ta' Dikjarazzjoni dwar il-Priniċipji ta' Gwida għall-Iżvilupp Sostenibbli**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**Abbozz ta' Dikjarazzjoni dwar il-Priniċipji ta' Gwida għall-Iżvilupp Sostenibbli**

Il-Kummissjoni Dinjija dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp iddefinixxit l-iżvilupp sostenibbli bħala żvilupp li jilħaq il-ħtiġijiet attwali mingħajr ma jikkomprometti l-abilità tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni biex jilħqu l-ħtiġijiet tagħhom. L-Unjoni Ewropea tappoġġja bil-qawwi d-Dikjarazzjoni li saret fl-1992 waqt l-*Earth Summit* tan-Nazzjonijiet Uniti f'Rio de Janeiro. Waqt il-konferenza li segwit wara, 'Rio+5', l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha impenjaw lilhom infushom biex jadottaw strateġiji għal iżvilupp sostenibbli. It-Trattat ta' Amsterdam, iffirmat fl-1997, daħħal l-iżvilupp sostenibbli bħala għan prinċipali ta' l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Artikoli 2, 3 u 6 tat-Trattat tal-KE. Fl-2001, l-Unjoni Ewropea adottat l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli f'Gothenburg. Fl-2002, id-dimensjoni esterna ta' l-Istateġija żdiedet mill-Kunsill Ewropew f'Barċellona u l-Unjoni Ewropea kienet attiva fl-appoġġ tal-konklużjonijiet tas-*Summit* Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli f'Johannesburg.

L-Unjoni Ewropea hija tassew impenjata fl-iżvilupp sostenibbli. Huwa prinċipju importanti tal-politika u l-azzjonijet tagħha kollha. L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li toħloq soċjetà msejsa fuq il-ħelsien, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, u li toħloq ugwaljanza fl-opportunitajiet u solidarjetà fi ħdan u bejn il-ġenerazzjonijiet. L-UE se taħdem għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa imsejjes fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabbilit fil-prezzijiet, ekonomija tas-suq soċjali b'kompettitività għolja, li timmira għal impjieg sħiħ, livell għoli ta' edukazzjoni u progress soċjali, u livell għoli ta' ħarsien u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent. Billi ttitieħed strateġija pro-attiva, l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel mezz li l-ħtieġa għal ħarsien ambjentali u koeżjoni soċjali jsiru opportunitajiet għal innovazzjoni, tkabbir u xogħlijiet. L-Aġenda ta' Liżbona l-ġdida hija komponent essenzjali ta' l-għan l-aktar importanti ta' l-iżvilupp sostenibbli, li jħallina nużaw il-mutur ta' ekonomija aktar dinamika biex tkabbar l-ambizzjoni wiesgħa soċjali u ambjentali tagħna. Is-sinerġiji bejn iż-żewġ strateġiji jgħinuna nimxu lejn soċjetà dinamika u sostenibbli.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha wrew ukoll tmexxija soda fl-għarfien ta' l-iżvilupp sostenibbli fuq skala internazzjonali u jinkuraġġixxi djalogu kontinwu fuq azzjoni effettiva madwar id-dinja għal żvilupp sostenibbli ma' pajjiżi oħra. L-Unjoni Ewropea hija konvinta li hija tista' taħdem b'mod sħiħ fuq il-prijoritajiet interni jekk jirnexxilha taħdem fix-xena dinijija, fl-istess ħin. L-abbozz ta' Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji ta' Gwida għall-Iżvilupp Sostenibbli mehmuża ma' din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tgħin sabiex tidderiġi x-xogħol fuq it-tiġdid ta' l-Istrateġija ta' l-Iżvilupp Sostenibbli. Din id-Dikjarazzjoni terġa' ttenni l-viżjoni wiesgħa fit-tul tas-sostenibilità li tidentifika l-għanijiet priċipali tal-politika u l-azzjonijiet ta' l-Unjoni u tiddeskrivi l-mod li bih l-Unjoni tixtieq tilħaq dawn l-għanijiet. Dawn il-Prinċipji ta' Gwida jaqblu mal-valuri reali ta' mudell ta' soċjetà dinamika Ewropea. Il-Prinċipji ta' Gwida se jappoġġjaw l-aġenda ambizzjuża tagħna u jgħinuna noħolqu kwalità ta' ħajja aħjar, issa u fil-ġejjieni.

F'konformità ma' dawn il-prinċipji u wara t-talba mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, il-Kummissjoni se tippreżenta, aktar tard din is-sena, proposta ġdida, aktar kompluta u ambizzjuża għal Strateġija ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-proposta se jkun fiha twemmin fuq medda twila ta' żmien, għanijiet ċari, u mekkaniżmi ta' monitoraġġ effettivi u se tagħmel użu aħjar mis-sinerġiji bejn azzjonijiet u politika kumplimentari. Id-dimensjonijiet interni u esterni tas-sostenibilità se jikunu integrati kompletament fl-Istrateġija l-ġdida.

# Abbozz ta' Dikjarazzjoni dwar il-Priniċipji ta' Gwida għall-Iżvilupp Sostenibbli

L-Iżvilupp Sostenibbli huwa l-għan prinċipali għal politika kollha tal-Komunità Ewropea stipulata fit-Trattat. Dan għandu l-għan li kontinwament jibqa' jtejjeb il-kwalità ta' ħajja fid-dinja kemm għal ġenerazzjonijiet preżenti kif ukoll għal dawk tal-ġejjieni. Huwa jikkonċerna l-ħarsien tal-kapaċità tad-dinja li ssostni l-ħajja fid-diveristà kollha tagħha. Huwa msejjes fuq il-prinċipji ta' demokrazija u l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali li jinkludu libertà u opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Iwassal għal solidarjetà fi ħdan u bejn il-ġenerazzjonijiet. Ifittex li jmexxi 'l quddiem ekonomija dinamika b'livell għoli ta' impjieg u edukazzjoni, ta' saħħa, ta' ħarsien, ta' koeżjoni soċjali u territorjali u ta' ħarsien ta' l-ambjent f'dinja paċifika u sigura, li tirrispetta d-diversità kulturali.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet fl-Ewropa u globalment, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jilħqu u jirrispettaw, waħedhom jew ma' l-imsieħba tagħhom, dawn l-għanijiet u l-prinċipji li ġejjin:

## Għanijiet Prinċipali

### ĦARSIEN AMBJENTALI

Biex inħarsu l-kapaċità tad-dinja li ssostni l-ħajja fid-diversità kollha tagħha, nirrispettaw il-limiti tar-riżorsi naturali tal-pjaneta u niżguraw livell għoli ta' ħarsien u t-titjib fil-kwalità ta' l-ambjent. Nevitaw u nnaqqsu t-tniġġis ambjentali u nippromwovu produzzjoni u konsum sostenibbli biex tinqata' r-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u d-degradazzjoni ambjentali.

### SENS TA' ĠUSTIZZJA SOĊJALI U KOEŻJONI

Biex nippromwovu soċjetà li hija demokratika, u soċjalment inklussiva, koeżiva, b'saħħitha, sigura u ġusta b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali u d-diversità kulturali li toħloq opportunitajiet ugwali u tiġġieled id-diskriminazzjoni f'kull forma.

### ĠID EKONOMIKU

Biex nippromwovu ekonomija ta' ġid li hija innovattiva, sinjura fl-għarfien, kompettitiva u effiċjenti fejn jidħol l-ambjent, u li tipprovdi standards għolja ta' ħajja, u impjieg sħiħ u ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni Ewropea kollha.

### NILĦQU R-RESPONSABILITAJIET INTERNAZZJONALI TAGĦNA

Biex ninkoraġixxu l-istabbiliment u niddefendu l-istabilità ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi madwar id-dinja, ibbażati fuq paċi, sigurtà u libertà. Nippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja u niżguraw li l-politika interna u esterna ta' l-Unjoni Ewropea hija konsistenti ma' l-iżvilupp globali sostenibbli u ma' l-impenji internazzjonali tiegħu.

.

# Prinċipji ta' Gwida Politiċi

### TMEXXIJA 'L QUDDIEM U ĦARSIEN TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Biex il-bniedem ikun fiċ-ċentru tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea billi jitmexxew 'il quddiem id-drittijiet fundamentali, billi titwaqqaf kull forma ta' diskriminazzjoni u jsir kontribut għat-tnaqqis tal-faqar madwar id-dinja.

### SENS TA' ĠUSTIZZJA INTRA- U INTERĠENERAZZJONALI

Biex il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali ikunu indirizzati mingħajr ma tkun kompromessa l-abilità tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni biex jilħqu l-ħtiġijiet tagħhom fl-UE u bnadi oħra.

### SOĊJETÀ DEMOKRATIKA U MIFTUĦA

Biex tingħata garanzija għad-drittijiet ta' aċċess għal informazzjoni u tiżgura aċċess għal ġustizzja. Biex tiżviluppa konsultazzjoni u mezzi ta' parteċipazzjoni xierqa għall-partijiet interessati u l-assoċjazzjonijiet kollha.

### INVOLVIMENT TAĊ-ĊITTADINI

Biex jitjieb is-sehem taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Biex jitmexxew 'il quddiem l-edukazzjoni u l-għarfien pubbliku dwar l-iżvilupp sostenibbli. Biex ikunu mgħarrfa ċ-ċittadini dwar l-impatt tagħhom fuq l-ambjent u l-għażliet tagħhom biex jagħmlu aktar għażliet sostenibbli.

### INVOLVIMENT TAN-NEGOZJI U L-IMSIEĦBA SOĊJALI

Biex jitjiebu d-djalogu soċjali, ir-responsabilità korporattiva soċjali u s-sħubiji privati-pubbliċi sabiex jitħeġġu l-kooperazzjoni u r-responsabilitajiet komuni għall-kisba ta' produzzjoni u konsumazzjoni sostenibbli.

### KOERENZA POLITIKA U TMEXXIJA

Biex titmexxa 'l quddiem il-koerenza bejn il-politika kollha ta' l-Unjoni Ewropea u l-koerenza bejn l-azzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u globali sabiex tiżdied il-kontribuzzjoni tagħhom lejn l-iżvilupp sostenibbli.

### POLITIKA TA' INTEGRAZZJONI

Biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali sabiex ikunu koerenti u jsaħħu lil xulxin billi jagħmlu użu sħiħ minn strumenti għal regolamentazzjoni aħjar, bħalma huma evalwazzjoni bbilanċjata ta' l-impatt u konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati.

### L-UŻU TA' L-AĦJAR GĦARFIEN DISPONIBBLI

Biex il-politika tkun żviluppata, evalwata u implimentata fuq il-bażi ta' l-aħjar għarfien disponibbli u biex tkun ekonomikament soda u effettiva fuq bażi ta' nfiq.

### PRINĊIPJU TA' PREKAWZJONI

Biex ikun hemm strateġija ta' prekawzjoni fejn ikun hemm inċertezza xjentifika oġġettiva sabiex jiġi evitat il-potenzjal li ssir ħsara lis-saħħa tan-nies jew lill-ambjent u tittieħed azzjoni preventiva.

### MIN INIĠĠES IĦALLAS

Biex il-prezzijiet jirriflettu l-ispejjeż attwali li l-attivitajiet ta' produzzjoni u konsumazzjoni jiġu jiswew lis-soċjeta, u biex min iniġġes iħallas għad-dannu li jikkawża lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent.